## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**RYAN CACHIA**

**Illum, 11 ta' Ġunju, 2024**

**IL-QORTI**

RAT L-IMPUTAZZJONIJET FIL-KONFRONT TA' **RYAN CACHIA** ta' erbgħin (40) sena, iben Joseph u Rita xebba Garr ta' Nazzjonalità Maltija, imwieled il-Pieta, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (1983), residenti ġewwa 12, Grazzja, Flat 2, Triq it-Tamal, Tarxien, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 326683M talli nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) f'xi ħin bejn il-ħamsa (17:00) u s-sebgħa (19:00) ta' filgħaxija, ġewwa 'The Podium, Maisonette S2, Triq Mikiel Debono, Ħaż-Żebbuġ' u/jew f'bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Wettaq att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' **Romina Attard**, liema att fih innifisu, ma jikkostitwixxix wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat imsemmijin fl-artikoli ta' qabel l-

Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u liema delitt twettaq fuq il-persuna li kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweg u kemm jekk le;

**Artikoli 207 u 202(h)(vi) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. U aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta huwa kien diġà ġie misjub ħati u kkundannat għall-reati, liema sentenzi saru definittivi;

   **Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

U aktar, f'isem ir-Repubbblika ta' Malta nakkużaw lil **RYAN CACHIA**, talli nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024) għall-ħabta tas-seba' neqsin għoxrin ta' filgħaxija (18:40), ġewwa '12, Grazzja, Flat 2, Triq it-Tamal, Tarxien' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, ħa jew żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens ta' **Romina Attard** *ossia* l-persuna raprreżentata f'dak ir-ritratt jew film;

   **Artikolu 208E tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

F'isem ir-Repubbblika ta' Malta nakkużaw lil **RYAN CACHIA** talli nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, ġewwa 'The Podium, Maisonette S2, Triq Mikiel Debono, Ħaż-Żebbuġ' u/jew '12, Grazzja, Flat 2, Triq it-Tamal, Tarxien' u/jew f'bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet

differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

4. Ġab ruħu b'mod li jagħti fastidju lil persuna oħra *ossia* lil **Romina Attard**, u/jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal din il-persuna, u/jew issoġġetta lil **Romina Attard** għal xi att ta' intimita' fiżika, u/jew issoġġetta lil **Romina Attard**, għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi, u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u kienu jistgħu raġjonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, u liema delitt twettaq kontra s-sieħba preżenti jew ta' qabel;

   **Artikoli 18, 251A(1)(a),(b),(ċ),(e) u 251H(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

5. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil **Romina Attard** biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) liema reat sar fuq is-sieħba preżenti jew ta' qabel;

   **Artikoli 18, 251(3), 251B u 251H(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

6. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta ta' **Romina**

**Attard**, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi ;

**Artikoli 18 u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

7. U aktar talli, fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

**Artikoli 18 tal-Kap. 9 u 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Romina Attard** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti Leża;

Rat l-artikoli 15A,532A,532B,49, 50, 261 (b) (c) (e) (f) 263(a) 266 267 269(g) 270 278(3) 279(b) 280(2) 289, 328A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha u d-dukumnentiu kollha ezebiti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Rat l-ammissjoni tal-imputat fi stat bikri tal-proceduri.

**Decide**

Ghal dawn il- motivi wara li rat l-artikoli 15A,532A,532B,49, 50, 261 (b) (c) (e) (f) 263(a) 266 267 269(g) 270 278(3) 279(b) 280(2) 289, 328A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni qed issib lil Ryan Cachia hati tal-imputazzjonjiet migjuba kontrih u bl-applikazzjoni tal-art 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta Mlata qed tqghiedu taht Ordni ta Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum bil-kuundizzjonjiet elenkati fl-istess Ordni liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malt aqed tqieghdu taht ordni ta trazzin ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum bil-kuundizzjonjiet elenkati fl-istess Ordni liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darbna huwa ma joqghodx ghall-kondizzjonijet tal Ordni tal-Probation u Ordni ta’ Trazzin.

Tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Diretur tal Probation u Parole

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**